***- MANDAT TA' INIBIZZJONI –***

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## IMHALLEF

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Digriet tallum it-Tlieta, 6 ta' Ottubru 2015.**

**Rikors Numru: 1431/2015/LSO**

**Rikors ghall-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni Numru 1431/2015/LSO fl-ismijiet:-**

**Joseph Zammit (K.I. Nru. 652453)**

**vs**

**L-Avukat Generali**

**Hon. Joe Mizzi fil-kapacita` tieghu ta' Ministru tat-Trasport u l-Infrastruttura**
**Ports and Yachting Directorate, Transport Malta**
**Transport Malta, Il-Bord dwar il-Haddiema tal-Port**

**Il-Qorti,**

## I. <u>PRELIMINARI.</u>

Rat ir-rikors prezentat mir-rikorrenti Joseph Zammit, detentur ta' Karta tal-Identita bin-numru 652453M, pprezentat fl-10 ta' Settembru 2015 fejn sabiex jikkawtela d-drittijiet tieghu, talab li l-intimati jinzammu milli jiehdu kwalunkwe passi sabiex iwaqqfuh milli jkompli jahdem bhala haddiem tal-port, partikolarment billi jhassru l-licenzja tieghu (bin-Numru 789) mir-Registru tal-Haddiema tal-Port *ai termini* tal-Artikolu 14(l)(a) tal-Kap 171 Ligijiet ta' Malta, liema licenzja ilha fil-pussess tal-istess esponenti ghal numru twil ta' snin u permezz ta' liema huwa ghandu dritt jahdem bhala haddiem tal-port.

*Stante* l-urgenza tal-kaz, l-esponenti umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex tilqa' din it-talba provizorjament *ai termini* tal-Artikolu 875(2) tal-Kap 12 Ligijiet ta' Malta.

Il-hrug ta' dan il-Mandat ta' Inibizzjoni qieghed jintalab ghar-ragunijiet segwenti:

1 Illi l-esponenti huwa registrat bhala haddiem tal-port ma' l-Awtorita ta' Malta dwar it-Trasport illum maghrufa bhala Transport Malta, bin-Numru tal-Licenzja 789, u dan skont l-Artiklu 3 tal-Ordinanza dwar il-Haddiema tal-Port, Kap 171 Ligijiet ta' Malta;

2 Illi din ir-registrazzjoni ssir permezz ta' licenzja li ilha fil-pussess tal-esponent ghal numru twil ta' snin, liema licenzja tigi mgedda ta' kull sena mill-istess Awtorita` responsabbli. Fil-fatt, dan ix-xoghol huwa l-unika mezz ta' ghajxien ghall-esponent, li fl-eta` tieghu huwa difficli sabiex jaqbad xi xoghol jew sengha gdida;

3. Illi ftit tal-gimghat ilu, l-ewwel f'Lulju u iktar ricentement f’ Awwissu tal-istess sena, intbaghtu ittri lill-esponenti sabiex jgharrfuh illi billi huwa kien ser jilhaq l-eta` ta' irtir (ta' 62 sena) nhar il-hdax (11) ta' Settembru ta' din is-sena, huwa kien ser ikollu jieqaf jahdem minnufih. Fl-istess ittra, l-esponenti kien ordnat illi jmur jiffirma l-formoli ufficjali tal-ETC sabiex jirrikonoxxi t-tmien ta' impjieg tieghu;

4. Illi l-Bord dwar il-Haddiema tal-Port, li huwa l-Bord inkarigat sabiex jaghti r-rakkomandazzjonijiet fuq it-tigdid tal-licenzji tal-haddiema tal-port, ma ressaq - jew qieghed fil-pussess ta' - ebda prova u/jew raguni valida li tista' twassal sabiex l-esponenti "ma jkunx izjed persuna xierqa

u kif imiss biex ikun haddiem tal-port ghal xi raguni tkun li tkun", u dan skont l-Art 14(1)(b) tal-Kap 171. Illi *di piu`*, is-subartiklu (1)(c) ukoll certament li ma huwiex applikabbli fil-kaz odjern *stante* illi qatt ma ttiehdu xi proceduri dixxiplinari fil-konfront tal-esponenti;

5. Illi ghalhekk, ir-rifjut tal-Awtorita` li ggedded il-licenzja tal-esponenti qieghed jigi bbazat biss fuq l-Art 14(1)(a) tal-Kap 171, u cioe` l-fatt illi l-esponenti ser jilhaq l-eta` ta' irtirar tieghu;

6. Illi filwaqt li Artikolu 1(1) tal-Kostituzzjoni jaghmilha cara illi "Malta hija Repubblika demokratika bbazata fuq ix-xoghol u fuq ir-rispett ghad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tal-individwu", u minkejja d-diversi incentivi illi l-Gvern qieghed jaghti sabiex in-nies jibqghu jahdmu wara l-eta` tal-pensjoni, fl-istess hin ghadhom jezistu provvedimenti fil-ligi taghna, fosthom dan is-sub-artikolu surreferiti (Art 14(1)(a) tal-Kap 171), illi jippregudikaw milli l-esponent jaghmel propju dan;

7. Illi l-Art 14(1)(a) tal-Kap 171 jikser l-Artikolu 7 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, li jirrikonoxxi d-dritt tac-cittadini kollha ghal xoghol u li ghalhekk l-istat ghandu jgib 'il quddiem dawk il-kondizzjonijiet li jaghmlu dan id-dritt effettiv. Minkejja li huwa maghruf li d-disposizzjonijiet ta' Kapitolu 2 tal-Kostituzzjoni ma humiex ezegwibbli f'xi Qorti, madankollu l-istess Kostituzzjoni taghmilha cara illi "l-principji li hemm fihom huma b'dan kollu fondamentali

ghall-iggvernar tal-pajjiz u jkun l-iskop tal-Istat li japplika dawn il-principji fl-eghmil ta' ligijiet." (Art 21);

8. Illi *di piu`*, in-nuqqas ta' tigdid tal-licenzja tal-esponent mill-partijiet intimati jew min minnhom, isarraf f'cahda mill-possediment tal-proprjeta` tal-esponent. Dan l-agir qieghed isir bi ksur gravi tal-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, kif ukoll tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni;

9. Illi l-ahhar ittra mibghuta lill-esponent nhar il-25 ta' Awwissu 2015, u kif ser jigi ppruvat fil-mori ta' din il-kawza, ghandha titqies bhala dikjarazzjoni mill-Gvern u/jew l-Awtorita` intimata li ghandhom kull intenzjoni li jhassar il-licenzja tal-esponent mir-Registru tal-Haddiema tal-Port.

10. Illi *di piu`*, l-agir tal-intimati jew min minnhom sejjer jikkawza danni kbar ghall-esponent billi hu ser jigi mwaqqaf milli jkompli jahdem kif ukoll ser tittehidlu l-licenzja ta' haddiem tal-port minghajr il-kunsens tieghu;

11. Illi l-esponent kien wiegeb ghall-ittri mibghuta lilu mill-intimati izda l-istess intimati jew min minnhom baqghu inadempjenti, u l-istess esponent issa qieghed jintavola, kontestwalment mar-rikors odjern, Protest Gudizzjarju fil-konfront tal-intimati;

12. Illi ghalhekk, il-hrug ta' dan il-Mandat ta' Inibizzjoni huwa necessarju sabiex jigu kkawtelati d-drittijiet tal-esponenti u ma jsofrix pregudizzju, fin-nuqqas ta' liema l-esponent mhux ser ikun jista' jahdem minn nhar il-Gimgha hdax (11) ta' Settembru 2015;

13. Illi fid-digriet moghti minn dina l-Onorabbli Qorti fl-atti tar-rikors fl-ismijiet *Charles Mugliett vs Saviour Bonnici* nhar il-25 ta' Jannar 2005, il-Qorti qalet:

"Illi bil-ligi, jehtieg li r-rikorrenti juri zewg hwejjeg biex ikun jisthoqqlu jikseb il-hrug ta' Mandat bhal dak. L-ewwel haga li jrid juri hi l-mandat huwa mehtieg biex jitharsu l-jeddijiet pretizi mir-rikorrent. It-tieni haga hi li r-rikorrent jidher li ghandu, mad-daqqa t'ghajn *(prima facie)* dawk il-jeddijiet."

14. Illi fl-umli fehma tal-esponent, u abbazi ta' dak kollu fuq citat, dina l-Onorabbli Qorti ma ghandu jinqala' ebda dubju illi r-rekwiziti hawn fuq citati gew sodisfatti. F'kaz illi l-intimati jissoktaw jimplimentaw id-decizjoni taghhom, id-drittijiet tal-esponenti sejrin jigu ppregudikati, b'dan illi l-uniku mezz illi huwa ghandu sabiex dawn id-drittijiet jigu konservati u kkawtelati huwa propju l-hrug tal-odjern mandat.

Rat id-digriet tal-10 ta' Settembru 2015 fejn il-Qorti laqghet it-talba provvizorjament u ordnat in-notifika lill-kontro-parti b'erbat ijiem zmien ghar-risposta. Irriservat li tipprovdi

definittivament fi stadju ulterjuri, u appuntat l-Mandat ta' Inibizzjoni ghall-Hamis 24 ta' Settembru 2015 fl-9:45a.m.

Rat ir-risposta tal-intimat l-Onor Joe Mizzi fil-kapacita` tieghu ta' Ministru tat-Trasport u l-Infrastruttura, Ports u Yachting Directorate, Transport Malta u l-Bord dwar il-Haddiema tal-Port a fol 7 tal-process, datata 14 ta' Settembru 2015.

Rat ir-risposta tal-Avukat Generali datata 15 ta' Settembru 2015 a fol 14 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk presjeduta tal-24 ta' Settembru 2015 fejn meta ssejhet il-kawza dehru Dr Karl Tanti u Dr Adrian Delia ghar-rikorrent prezenti. Deher Dr Paul Lia ghall-intimati kollha ghajr ghall-Avukat Generali, prezenti Joseph Paris in rapprezentanza tal-Bord tal-Haddiema tal-Port. Dehret Dr Nadia Bezzina Fiott ghall-Avukat Generali. Dr Lia ghall-Transport Malta *ai fini* tal-artikolu 873 (3) ikkonferma li kif obbligata mil-ligi l-Awtorita` dwar it-Trasport kellha intenzjoni li thassar ir-registrazzjoni tar-rikorrent hekk kif jghalaq l-eta` tal-irtirar. Dr Delia prezenta vera kopja tal-karta tal-identita` tar-rikorrent fejn hemm imnizzel in-numru tal-licenzja li fir-rigward tal-istess intalab il-kancellament mill-Awtorita` tat-Trasport Malta. Xehed ir-rikorrent bil-gurament, liema xhieda giet irregistrata fuq is-sistema eletronika. Xehed Joseph Paris in rapprezentanza tal-Bord tal-Haddiema tal-Port, bil-gurament, liema xhieda giet

irregistrata fuq is-sistema eletronika. Dr Bezzina Fiott ipprezentat nota b'dokument ufficjali, li huwa vera kopja ta' Dok A anness mar-risposta tal-Avukat Generali. Id-difensuri tal-partijiet trattaw ir-rikors, liema trattazzjoni giet registrata fuq is-sistema eletronika. Il-Qorti semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet. Ir-rikors gie differit ghall-Digriet Kamerali.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

Rat l-atti kollha pprezentati.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

**Ikkonsidrat** li bit-talba odjerna, ir-rikorrent qed jitlob lil din il-Qorti sabiex tinibixxi lill-intimati jew min minnhom milli jwaqqfuh milli jkompli jahdem bhala haddiem tal-port partikolarment billi jhassru r-registrazzjoni tieghu mir-Registru tal-Haddiema tal-Port. Mhuwiex ikkontestat li r-rikorrent huwa licenzjat bhala haddiem tal-port bil-licenzja li ggib in-numru 789.

L-intimati opponew ghat-talba. L-Onorevoli Ministru tat-Trasport u l-Infrastruttura kif ukoll il-Bord dwar il-Haddiema tal-Port eccipew li mhumiex il-legittimi kontradittur f'dawn il-proceduri *stante* li d-decizjoni lamentata tispetta lill-Trasport Malta. Inoltre japplika fil-konfront taghhom l-artikolu 873(3) tal-Kap.12. Fil-mertu l-intimati kollha minbarra l-Avukat Generali irrispondew li haddiema tal-Port huma impjegati u mhux *self employed* b'licenzja tan-

negozju; li r-registrazzjoni taghhom bhala haddiema tal-port hija suggetta li tithassar mal-eta` tal-irtirar mix-xoghol; u li r-rikors odjern ma jissoddisfax ir-rekwiziti mehtiega sabiex tintlaqa' t-talba ghall-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni.

L-Avukat Generali irribatta li mhuwiex il-legittimu kontradittur fit-termini tal-**artikolu 181B tal-Kap.12** u l-Mandat mitlub ma jistax jinhareg kontrih skont l-**artikolu 873(3) tal-Kap.12** billi l-konferma rikjesta ma tistax issehh minnu. Inoltre oppona fil-mertu kif ser jirrizulta aktar 'il quddiem.

**Fatti**

Il-fatti li jemergu mill-atti u li huma rilevanti ghat-talba odjerna huma s-segwenti. Ir-rikorrent ilu jahdem bhala haddiem tal-Port mit-3 ta' Frar 1992[1] u huwa registrat bhala haddiem tal-Port mal-Awtorita' ta' Malta dwar it-Trasport. Fil-11 ta' Settembru 2015 lahaq l-eta ta' rtirar (62 sena) u permezz ta' zewg ittri mibghuta f'Lulju u f'Awwissu tas-sena korrenti, gie mgharraf li kien ser jintemm l-impieg tieghu f'dik id-data imsemmija. Hu jinsab licenzjat bhala Haddiem tal-Port minhabba li missieru kien cedielu d-dritt tieghu bis-sahha tar-riformi li kienu sehhew f'dan il-qasam. Il-korrispondenza imsemmija ma gietx esebita izda ma hemmx kontestazzjoni bejn il-partijiet dwar dan il-punt. Jirrizulta wkoll li l-i*status* fiskali tiegħu huwa ta' persuna impjegata (**DOK.B** *a fol*.24 tal-process).

[1] Ara *Employment History Report* (**DOK.A)** a fol .23 tal-process.

## Konsiderazzjoni ta' Dritt.

Premess li l-ghan ta' talba ghal hrug ta' mandat ta' inibizzjoni huwa dak li jzomm persuna milli taghmel xi haga li tista' tkun ta' hsara jew pregudizzju lil parti li titlob il-hrug tal-mandat.

Bil-ligi jehtieg li r-rikorrenti jissoddisfa zewg elementi biex ikun jisthoqqlu jikseb il-hrug ta' mandat bhal dak. L-ewwel rekwizit li jrid juri hu li l-mandat huwa mehtieg biex jitharsu l-jeddijiet pretizi mir-rikorrenti tant li bin-nuqqas ta' hrug tieghu ir-rikorrenti ser isofri pregudizzju;[2] it-tieni haga hi li r-rikorrent ikun jidher li ghandu 'prima facie', mad-daqqa t'ghajn, dawk il-jeddijiet.[3]

Dawn iz-zewg elementi huma kumulattivi u mhux alternattivi u jekk xi wiehed minn dawn iz-zewg elementi ma jirrizultax, il-Qorti ghandha tichad it-talba ghall-hrug ta' mandat bhal dak; inoltre huma kriterji oggettivi u fl-applikazzjoni tal-ligi dwar kif u meta ghandu jinhareg mandat il-Qorti ghandha tuza interpretazzjoni restrittiva. Dan ghaliex il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni bhal kull mandat kawtelatorju isir fi zmien meta l-pretensjoni ma tkunx ghadha giet guridikament accertata u stabbilita.

---

[2] Ara f'dan is-sens *"**Grech proprio et nomine vs Manfre**"* – A.C. – Dec.14 ta' Lulju 1988 – Vol. LXXII.ii.290; u "***40, Main Street Catering Establishment Limited vs L-Awtorita` tal-Ippjanar"*** (P.A. (RCP) - Dec. 2 ta' Novembru 2010).

[3] Ara f'dan is-sens **"*Emmanuel Sammut -v- Josephine Sammut* "** P.A.(TM)-dec.5.06.2003.

Hu pacifiku li din hija mizura ta' natura eccezzjonali **(Grech proprio et nomine vs Manfre)** fuq citat b'dan li jkun hemm il-biza' li jekk ma jinharigx tali mandat id-dritt tar-rikorrenti jintilef ghal dejjem.

Inoltre, fil-kaz odjern, japplika tassattivament is-subinciz **873(3) tal-Kap.Tnax** li jiddisponi li **:**

*"873(3) Il-qorti m'għandha toħrog ebda mandat bħal dak kontra l-Gvern jew awtorita` mwaqqfa bil-Kostituzzjoni jew xi persuna li jkollha kariga pubblika fil-kariga ufficjali tagħha kemm-il darba l-awtorita` jew il-persuna li kontra tagħha jintalab il-mandat ma tikkonfermax fil-qorti bil-miftuħ li l-ħaga li qed tintalab li tigi mizmuma tkun fil-fatt maħsuba li ssir, u l-qorti tkun sodisfatta, wara li tisma' l-ispjegazzjonijiet mogħtija, li kemm-il darba ma jinħarigx il-mandat, il-pregudizzju li jinħoloq lil min ikun qed jitlob il-mandat ikun sproporzjonat meta mqabbel mal-istess għemil tal-ħaga li qed tintalab li tigi mizmuma*."

Mela fejn, bhal fil-kaz tal-lum, mqar wiehed mill-intimati jkun il-Gvern, b'zieda ma' l-elementi li johorgu mis-subincizi (1) u (2), irid jitqies ukoll dak li jinghad fis-subinciz (3) u cioe` :- (a) li l-ħaga li parti titlob li tinzamm milli titwettaq fil-fatt hemm il-ħsieb li titwettaq; u (b) li l-pregudizzju li jinħoloq lil min ikun qed jitlob il-mandat ikun sproporzjonat meta mqabbel ma' l-istess għemil tal-ħaga li qed tintalab li tigi mizmuma.

Riferibbilment ghall-element tal-pregudizzju meqjus fil-kuntest tas-subinciz (3) ghandu jinghad illi wara l-emenda li giet fis-sehh f`Ottubru 2006, il-ligi ma baqghetx titkellem dwar pregudizzju "li ma jkunx jista' jigi rimedjat" bħala l-bazi biex tkun milqugha talba għall-ħrug tal-mandat kontra l-Gvern, imma bizzejjed li jintwera mill-perspettiva tal-parti li titlob il-ħrug tal-mandat li dak il-pregudizzju jkun sproporzjonat fis-sens illi jkun manifestament ta` zvantagg u ta` hsara ghar-rikorrent jekk il-ħaga titwettaq.

Riferibbilment ghall-ewwel parti tal-**artikolu 873(2) tal-Kap.Tnax,** gie verbalizzat mill-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta li hija kellha intenzjoni li thassar ir-registrazzjoni tar-rikorrent hekk kif jaghlaq l-eta` tal-irtirar.

**Legittimu Kontradittur**

Qabel xejn din il-Qorti ser tindirizza l-kontestazzjoni sollevata mill-Ministru, mill-Bord u mill-Avukat Generali senjatament li mhumiex il-legittimi kontradittturi f'dawn il-proceduri.

Il-Ministru u l-Bord jissottomettu li d-decizjoni in mertu ttiehdet mill-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta b'applikazzjoni tal-Ordinanza dwar il-Haddiema tal-Port (**Kap 171 tal-Ligijiet ta' Malta** - minn issa 'l quddiem imsejha 'l-Ordinanza.') L-intimati imsemmija mhu ser jiehdu l-ebda decizjoni u lanqas hemm ghalfejn li jiehdu decizjonijiet dwar dan il-pass.

Effettivament il-licenzja ghall-Haddiem tal-Port tinhareg mill-Awtorita' intimata u tigi imhassra mill-istess Awtorita' (ara il-kliem testwali tal-artikolu 14(1)(a) tal-Ordinanza ccitata aktar 'il quddiem). F'dak li jikkoncerna l-Bord intimat, ir-rikorrent stess jammetti li d-decizjoni ghat-thassir tar-registrazzjoni tieghu mhix wahda prevista taht l-**artikolu 14(1)(b) u (c)** tal-Ordinanza, fejn allura, tali decizjoni tkun konsegwenza diretta ta' decizjoni dixxiplinarja mehuda mill-Bord.

Rigward il-kwistjoni tal-legittimazzjoni passiva tal-Onorevoli Ministru, il-Qorti tikkondividi dak sottomess billi r-rikorrent qed jitlob li r-registrazzjoni tieghu ma tigix imhassra. Din id-decizjoni tittiehed mill-Awtorita' bis-sahha tal-Ligi u mhux mill-Ministru wahdu, ghalhekk hija l-Awtorita' l-legittimu kontradittur f'dawn il-proceduri.

L-istess eccezzjoni giet imqajma mill-Avukat Generali li invoka l-**artikolu 181B tal-Kap.Tnax tal-Ligijiet ta' Malta.** Dan l-artikolu gie mfisser fil-kawza **Caruana v. L-Onorevoli Prim Ministru**, (deciza fil-31 ta' Mejju 2006), fis-sens li gej:

"*Illi fil-fehma ta` din il-Qorti, dan ifisser li l-legislatur ried li f'kull kaz li fih wahda mill-partijiet tkun il-Gvern, dik ir-rapprezentanza tkun principalment f'kap tad-dipartiment u, fejn dan ma japplikax, sussidjarjament fil-persuna tal-Avukat Generali, li dejjem u f'kull kaz irid jigi wkoll notifikat bl-atti gudizzjarji li jitressqu kontra l-Gvern*."

Ghalhekk skont **dan l-Artikolu 181B** il-Gvern ghandu jkun rapprezentat fl-atti u fl-azzjonijiet gudizzjarji mill-Kap tad-Dipartiment tal-Gvern li jkun inkarigat mill-materja in kwistjoni, imma l-Avukat Generali jirrapprezenta lil Gvern f'dawk l-atti u l-azzjonijiet gudizzjarji li minhabba n-natura tat-talba ma jkunux jistghu jigu diretti kontra xi wiehed jew aktar mill-kapijiet tad-Dipartimenti l-ohra tal-Gvern.

F'dan il-kaz il-Qorti hi tal-fehma li din l-eccezzjoni tal-Avukat Generali hija wkoll gustifikata billi l-Qorti qed tintalab li zzomm lill-Awtorita' milli twettaq id-decizjoni taghha diretta kontra r-rikorrent u t-talba tista' tigi gustament diretta kontra l-Awtorita` wahidha billi hija l-Awtorita li hija inkarigata bit-thassir tar-registrazzjoni tal-licenzja tar-rikorrent.

Ghaldaqstant il-Qorti ser takkolji l-eccezzjonijiet tal-On.Ministru tat-Trasport u l-Infrastuttura, Ports u Yachting Directorate, tal-Bord dwar il-Haddiema tal-Port u tal-Avukat Generali bhala gustifikati u tilliberahom mill-osservanza tal-gudizzju *stante* li mhumiex il-legittimi kontradditturi f'dawn il-proceduri.

**Elementi Mehtiega ghall-Hrug tal-Mandat**

Il-Qorti ser tghaddi biex tezamina it-talbiet tar-rikorrent fis-sustanza taghhom.

**Jedd 'Prima Facie'**

**Fil-fehma tal-Qorti, mill-atti u provi prodotti, r-rikorrent ma irnexxielux jipprova li ghandu jedd *prima facie* biex izomm lill-Awtorita' intimata milli twettaq dak li trid taghmel.**

Mill-argumenti sollevati, din il-Qorti tifhem li r-rikorrent mhuwiex qed jakkampa fuq xi dritt li ghandu bil-ligijiet tal-Port (ligi ordinarja), imma fuq drittijiet fondamentali.

**Ligi Ordinarja**

Il-qafas legali rilevanti ghat-talba odjerna jirrizulta mill-Ordinanza u mir-Regolamenti tal-Port.

Ikkonsidrat li d-decizjoni tal-Awtorita' hija bbazata fuq l-**artikolu 14(1)(a) tal-Ordinanza** li tiddisponi li:

***"14.*** *(1) Ir-reġistrazzjoni ta' persuna fir-Reġistru ta' Ħaddiema tal-Port għandha titħassar mill-Awtorità jekk -*

*(a) jilħaq l-età ta' tlieta u sittin sena jew dik l-età iżgħar li tista' minn żmien għal żmien tiġi preskritta; jew..."*

L-eta` tal-irtirar ta' Haddiema tal-Port hija dik regolata bir-regolament 171.01[4]. Dawn ir-regolamenti dahlu fis-sehh fis-sena 1974 u jiddisponu li mill-4 ta' April 1976, l-eta` ta' irtirar tal-Haddiema tal-Port hija *"Dik l-età li fiha l-impjegati*

[4] Regolamenti dwar l-Eta` li fiha jirtiraw il-Haddiema tal-Port - A.L.33 tal-1974

*tal-Gvern jirtiraw mis-servizz pubbliku."* Mhuwiex ikkontestat li r-rikorrent ghalaq l-eta` ta' 62 sena fil-11 ta' Settembru tas-sena korrenti li jfisser li twieled fis-sena 1953. B'hekk l-eta` tal-irtirar applikabbli ghalih skont il-ligijiet vigenti hija ta' 62 sena[5] u d-decizjoni li ttiehdet tidhol fil-parametri legali stabbiliti bid-disposizzjoni 14(1)(a) imsemmija.

Fid-dawl tal-premess, ma jistax jinghad li r-rikorrent ghandu dritt, fl-ambitu ta' ligi ordinarja tal-pajjiz, lanqas fuq bazi imqar *prima facie*, li jwaqqaf lill-Awtorita' milli thassar il-licenzja tieghu mir-Registru. Id-decizjoni tal-Awtorita' hija kontemplata mil-Ligi u l-istess Awtorita' ghandha d-dmir u r-responsabbilta' li tapplika u tosserva l-ligijiet li jirregolawha.

**Protezzjoni tad-Drittijiet Fondamentali**

Izda r-rikorrent mhuwiex qed jivvanta dritt ordinarju imma qed jibni l-argument tieghu fuq id-dritt ghall-protezzjoni kontra t-tehid forzuz tal-possedimenti tieghu (il-licenzja), fuq dritt pretiz ghax-xoghol u dritt li ma jsofrix agir diskriminatorju. Id-drittijiet vantati jiddependu skont jekk huwiex meqjus bhala impjegat, jew altrimenti bhala *self employed.* Din il-linja hija xejn felici ghaliex ir-rikorrent lanqas hu stess ma seta` jikkonkludi jekk jaqax f'kategorija jew ohra imma ghazel li jixhed xibka wiesgha u jhalli kollox ghall-Qorti biex tgharbel is-sitwazzjoni. Anzi waqt it-trattazzjoni d-difensur tieghu sahansitra ssugerixxa li l-

[5] Ara l-Att Dwar is-Sigurta' Socjali - Kap 318 tal-Ligijiet ta' Malta.

haddiema tal-Port huma *hybrid.* Dwar dan il-Qorti ser tikkummenta aktar ' il quddiem.

Skont it-tezi tar-rikorrent, jekk huwa meqjus bhala *impjegat*, allura id-dritt tieghu ghax-xoghol qed jigi lez, (art 7 u 21 tal-Kostituzzjoni ta' Malta).

Il-Qorti minnufih twarrab l-argument li jirreferi ghad-'dritt ghax-xoghol'. Id-drittijiet enuncjati fit-Tieni Kapitolu tal-Kostituzzjoni huma *non justiciable rights,* ossia principji socjali u politici li ghandhom jiggwidaw ir-Repubblika ta' Malta sabiex tilhaq il-miri taghha. Inoltre huwa risaput li fi kwalsiasi ordinament giuridiku hu ammess li l-Istat jista' jillegisla dwar l-eta` tal-irtirar u jipprovdi skemi ghall-hlas ta' pensjoni lill-haddiema rtirati. Ghalhekk dan id-'dritt' ma jistax jigi vantat lanqas *prima facie.*

Biex tiddetermina n-natura tal-posizzjoni li jokkupa ir-rikorrent il-Qorti trid tezamina d-disposizzjonijiet tal-Ordinanza li huwa l-*Enabling* Act fil-kuntest tal-provi prodotti.

Fil-fehma konsiderata tal-Qorti ma tistax tasal biex tqies li r-rikorrent huwa *self employed.* Dan hu eskluz kemm mid-dokumenti esebiti mill-intimat, l-Avukat Generali, li juru l-istatus fiskali tieghu bhala impjegat, kif ukoll mill-kondizzjonijiet tieghu tal-impieg, kif imfissra fl-Ordinanza u fir-Regolamenti.

Anzi l-Qorti hi tal-fehma li l-Haddiema tal-Port huma impjegati u mhux *self employed.* (sottolinear tal-Qorti). Huma soggetti ghall-kondizzjonijiet tax-xoghol bhala *leave*, u *sick leave*, bhall-impjegati ohra, izda imfissra f'ligijiet specjali li jirregolaw is-settur tal-Portijiet. Il-kontribuzzjoni Nazzjonali taghhom jithallas bin-nofs mill-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta u nofs mill-impjegat filwaqt li jirrizulta anke mid-dokument esebit bhala **Dok.B** mahrug mid-Dipartiment ghas-Sigurta' Socjali li huwa klassifikat bhala '*Class I'* ai fini tal-kontribuzzjonijiet tal-boll li hija l-kategorija applikabbli ghall-impjegati (*employed persons) ai termini* **tal-Kap.318 tal-Ligijiet ta' Malta**.[6]

L-istess Ordinanza tiddefinixxi *"ħaddiem tal-port"* bhala "*persuna impjegata f'port fl-għoti ta' servizzi ta' xorta temporanja li jinvolvu l-maniġġ ta' merkanzija fil-proċess ta' tagħbija jew ħatt ta' merkanzija għal fuq jew minn fuq bastiment, minn jew għal xi post fuq l-art, persuna hekk impjegata jew awtorizzata mill-Awtorità jew hekk impjegata minn prinċipal ta' ħaddiema tal-port biex timmaniġġa merkanzija f'maħżen u persuna impjegata fil-maniġġ ta' merkanzija, li l-Ministru jista' minn żmien għal żmien jippreskrivi, minn tinda tal-merkanzija* in transit *jew minn munzell jew minn fuq il-moll fl-apert għal fuq vettura jew fit-tgħaqqid, fl-aggruppar jew fl-iżmuntar ta' merkanzija f'tagħbija jew minn tagħbija f'unità waħda f'port, u "xogħol fil-port" għandha għall-finijiet tal-Att tiftieħem skont hekk*;"(sottolinear tal-Qorti.) Din id-definizzjoni taghmilha

[6] Artikolu 2 definizzjoni ta' '*Class One Contribution*'.

cara li Haddiem tal-Port huwa impjegat fit-tifsira ordinarja tal-kelma jew mal-Awtorita' stess jew minn principal ta' haddiema tal-port fl-immannigjar ta' merkanzija fil-port.

Ebda persuna ma tista' taghmilha ta' haddiem tal-Port jekk ma jkunx registrat mal-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta **(Art.3)**.

Hu ta' rilevanza wkoll **l-artikolu 4 tal-Ordinanza** *stante* li skont dan l-artikolu:-

***4.*** *(1) Kull ħaddiem tal-port għandu, mar-reġistrazzjoni, jitqies konkluživament li jkun accetta li joqgħod għall-kondizzjonijiet ta' impieg u għad-deċiżjonijiet meħuda skont id-disposizzjonijiet tal-artikolu 8 li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien skont id-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza."* (Sottolinear tal-Qorti.)

Ma jirrizultax li hemm xi ekwivoku dwar il-pozizzjoni tal-Haddiema tal-Port bhala impjegati. Isegwi li l-pozizzjoni taghhom ma tippermettilhomx li jkollhom attivita' ekonomika awtonoma, ossia negozju, bhal ma hu koncess lill-*foremen* tal-Port. Hawnhekk isegwi it-tieni parti tas-sottomissjonijiet tar-rikorrent fejn jakkampa fuq il-principji enuncjati mill-Qrati taghna li kkoncernaw *foremen* tal-Port biex jghid li t-thassir tal-licenzja tfisser it-tehid ta' possediment bi ksur tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-

Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali.[7]

Ikkonsidrat li mill-Ordinanza tohrog distinzjoni netta bejn impjegati *ossia* haddiema tal-Port u *foremen* kif inhu evidenti mid-definizzjoni stess ta' *foreman* li *"tfisser kull persuna li, akkont tagħha jew akkont ta' persuna oħra, timpjega ħaddiema tal-port."* Inoltre skont l-artikolu 5 tal-Ordinanza": ***5.*** *(1) Ebda persuna ma għandha taġixxi bħala foreman - (a) jekk tkun ħaddiem tal-port ..."*.

Ukoll id-distinzjoni bejn il-kategorija ta' xoghol okkupat minn *foreman* u dak ta' haddiem tal-Port giet affermata minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fid-decizjoni taghha dwar it-talba ghall-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni fl-isijiet **Anthony Attard u ohrajn kontra l-Unjoni Haddiema Maghqudin u ohrajn** (PA (CFS) - deciza fis-16 ta' Novembru, 2007- Mandat Numru 1639/2007/1).

Infatti huwa risaput li l-*foremen* ikollhom haddiema jahdmu tahthom, jitqiesu li huma *self employed,* u l-licenzja taghhom giet meqjusa bhala *possediment* fit-termini tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea (**Q.K. Victor Spiteri v L-Avukat Generali et.** - dec.fl-1 ta'

---

[7] Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta li jiddisponi li :
*"Kull persuna naturali jew persuna morali għandha dritt għat-tgawdija paċifika tal-possedimenti tagħha. Ħadd ma għandu jiġi ipprivat mill-possedimenti tiegħu ħlief fl-interess pubbliku u bla ħsara tal-kundizzjonijiet provduti bil-liġi u bil-prinċipji ġenerali tal-liġi internazzjonali.*
*Iżda d-disposizzjonijiet ta' qabel ma għandhom b'ebda mod inaqqsu d-dritt ta' Stat li jwettaq dawk il-liġijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-użu ta' proprjetà skont l-interess ġenerali jew biex jiżgura l-ħlas ta' taxxi jew kontribuzzjonijiet oħra jew pieni."*

Ottubru 2009. Ara wkoll kaz relatat deciz mill-istess Qorti fit-28 ta' Gunju 2012 fl-ismijiet **Anthony Attard et. v Unjoni Haddiema Maghqudin et.)**.

Madanakollu ghar-ragunijiet fuq spjegati, hija l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti li r-rikorrent huwa impjegat u mhux *self employed*. Ir-ragunamenti li wasslu l-Qorti Kostituzzjonali biex tikkonkludi li l-licenzja hija *bien* jew possediment fit-termini tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja ma japplikawx ghal-licenzja tieghu billi huwa biss impjegat. Ma jgestix attivita' awtonoma ekonomika imma jircievi l-paga tieghu mill-Awtorita' li tnaqqaslu mill-istess paga r-rata ta' kontribut tieghu tal-assigurazzjoni nazzjonali bhal ma jigri f'kull kaz ta' impjegati aparti li thallas ukoll is-sehem taghha. Irid jirraporta lill-Awtorita' meta jitlef xi gurnata xoghol minhabba mard, igawdi minn 30 gurnata *leave* u huwa soggett ghall-kondizzjonijiet tax-xoghol imfissra ghall-haddiema tal-Port bhala impjegati (Ara **Regolamenti Dwar il-Haddiema tal-Port L.S. 171.02)**.

*Inoltre*, ilu registrat bhala haddiem tal-Port mis-sena 1992 meta l-kondizzjonijiet kollha kienu stabbiliti u maghrufin. Meta gie registrat bhala tali, bil-ligi stess hu meqjus li accetta l-kondizzjonijiet tax-xoghol kollha applikabbli ghall-posizzjoni tieghu, inkluz l-eta` tal-irtirar. Ma kellux aspettattiva legittima li jibqa' jahdem anke wara li jilhaq l-eta` tal-irtirar. Minn imkien fix-xhieda tieghu ma rrizulta li hu ppretenda li kellu s-setghat li jahdem bhala *foreman* jew li

ma kienx jaf bil-kondizzjonijiet tax-xoghol tieghu. Kien ikun ben altru li kieku l-eta` tal-irtirar giet imnaqqsa b'regolamenti *ultra vires* li sehhew wara li gie registrat, jew li huma *prima facie* arbitrarji jew diskriminatorji. Imma anke f'dan ir-rigward ma gie muri l-ebda *fumus* ta' diskriminazzjoni ma' haddiema ohra tal-Port fl-istess kategorija tieghu.

L-argument issollevat mid-difensur tar-rikorrent waqt it-trattazzjoni li l-agir tal-Awtorita' huwa diskriminatorju fil-konfront tieghu billi haddiema ohra tal-Gvern jista' jirtiraw anke wara l-eta` ta' 62 sena ma tirrizultax lanqas *prima facie* billi fl-assenza totali ta' provi prodotti, s-sitwazzjoni tieghu hija l-istess bhal dak regolat mill-Kap.318 tal-Ligijiet ta' Malta u l-posizzjoni tieghu hija l-istess bhall-impjegati kollha li jispiccalhom il-jedd tal-impjieg meta jilhqu l-eta` tal-irtirar.

**Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati, din il-Qorti ssib li r-rikorrent ma rnexxielux jipprova fuq bazi imqar *prima facie* li ghandu dritt li jwaqqaf lill-Awtorita' milli thassar ir-registrazzjoni tieghu mir-registru tal-Haddiema tal-Port.**

Kif diga` kellha okkazzjoni tghid qabel illum, din il-Qorti tirriafferma li l-procedura tal-lum hija maħsuba biex tkun waħda sommarja. Ghaliex mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem din il-Qorti fi stadju bħal dak tal-lum, kull ma ghandu jitressaq quddiemha waqt is-smigħ tal-kawza dwar

il-jedd. Il-fatt illi tintlaqa` talba għall-ħrug ta’ l-Mandat, m`ghandux ifisser li l-jedd huwa ippruvat. Kif daqstant iehor m`ghandux ifisser li jekk il-hrug tal-Mandat ikun michud allura l-jedd pretiz ma jezistix. Unikament ghall-fini tal-akkoljiment *o meno* tat-talba, mhux kompitu ta’ din il-Qorti li tqis il-pretensjonijiet tal-partijiet fil-mertu. Dan kollu qed jinghad sabiex il-kontendenti jifhmu li l-mansjoni ta’ din il-Qorti mhuwiex li tiddeciedi finalment dwar il-pretensjonijiet taghhom fil-mertu izda huwa limitat u cirkoskritt biex tara jekk huwiex sodisfatt dak li trid il-ligi sabiex ikun operattiv Mandat ta’ Inibizzjoni.

**<u>Rekwiziti rimanenti</u>**

Fid-dawl tal-premess ma hemmx htiega li l-Qorti tezamina l-kweziti tal-irrimedjabbilita' kif ukoll dak tal-proporzjonalita' rikjesta bl-artikolu 873(3) tal-Kap.Tnax.

Illi kif gja ribadit, sabiex tintlaqa` t-talba ghall-hrug tal-Mandat, ir-rekwiziti huma stretti u l-Qorti hija prekluza milli tordna l-hrug tal-Mandat jekk mhux ir-rekwiziti kollha (minghajr eskluzjoni) ikunu sodisfatti. Mankanti mqar wiehed, il-Mandat ta` Inibizzjoni ma jistax jinhareg.

## **<u>III. DECIDE</u>**

Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qieghda taqta` u tiddeciedi billi filwaqt li thassar *contrario imperio* d-digriet

taghha tal-10 ta' Settembru 2015 safejn kienet laqghet it-talba provvizorjament, tichad it-talba ghall-hrug tal-Mandat.

**L-ispejjez huma a karigu tar-rikorrenti.**

**Degretat.**

**Onor. Mhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**6 ta' Ottubru 2015**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**6 ta' Ottubru 2015**